MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 178/2013

**Qorti Civili**

**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 24 ta' April 2014**

Rikors Guramentat Nru. 178/13RGM

Kawza fil-lista: 18

**A B**

**Vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu talbet li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi xolta u likwidata; li tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonjiet kontemplati fl-artikoli 48 et sequitur tal-Kodici Civili; li tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijeit; u li tordna lir-Registratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-attrici.

Rat illi kopja tar-rikors guramentat u traduzzjoni ghal-lingwa Ingliza giet notifikata fl-indirizz tal-konvenut gewwa r-Renju Unit fil-5 ta' Novembru 2013[1] izda l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta guramentata.

Rat il-provi imressqa mill-attrici.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici tat-3 ta' Marzu 2014.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

[1] Fol. 47

Ikkonsidrat;

**Provi**.

Mill-atti jirrizulta li l-partijiet izzewgu f'Malta fit-12 ta' Dicembru 1986. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li llum huma maggorenni. Meta zzewgu huma marru jirrisjedu gewwa l-Ingilterra ghal madwar seba' snin u gew lura Malta. Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirrizulta li l-konvenut kien spiss ikun fis-sakra u kien hemm okkazzjonijiet meta kien vjolenti mal-attrici. Fis-sena 1995 il-konvenut iddecieda li jirritorna lura wahdu l-Ingilterra u hekk ghamel u halla lill-attrici hawn Malta b'zewg itfal. L-attrici qatt ma hadet passi qabel din il-kawza u baqghet tghix Malta bit-tfal. L-ghajnuna minghand il-konvenut kienet minima. Il-kuntatt bejn il-partijiet inqata ghal kollox. L-attrici taf fejn illum joqghod il-konvenut peress li llum il-gurnata z-zewgt itfal tal-partijiet jirrisjedu fl-Ingilterra u ghaddewla l-indirizz ta' missierhom.

L-attrici ipprocediet issa bil-kawza sabiex tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u sabiex tottjeni d-divorzju.

**Ikkonsidrat**.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirrizulta li ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut sew minhabba sokor u agir vjolenti kif ukoll minhabba li kien abbanduna lill-attrici u liz-zewg ulied tal-partijiet u telaq lura lejn l-Ingilterra. Mill-provi imressqa jirrizulta li l-konvenut unikament jahti ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet minhabba sokor, agir vjolenti u abbandun.

Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti ma jirrizultax li llum hemm xi assi li jappartjenu l-komunjoni ta' bejn il-partijiet. Ghalhekk filwaqt li l-Qorti ser ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, b'hemmx x'tillikwida u tiddividi bejn il-partijiet.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet.

2. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijeit u ghalhekk tapplika fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 et sequitur tal-Kodici Civili.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tastjeni milli tillikwida l-istess stante li mill-provi ma jirrizultax li hemm assi li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti.

4. Tipprefiggi terminu ta' ghaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* sabiex ir-Registratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju pronunzjat permezz ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------